**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 22 ta' Marzu 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kylie Borg**
**Spettur Roderick Attard)**

**Vs**

**FRANKIE BORG**

**IL-QORTI**;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Frankie Borg, detentur ta' karta tal-identita bin-numru 13174M, fejn gie akkuzat talli nhar l-20 ta' Marzu 2021, għall-ħabta tal-17.30 ta' wara nofsinar, ġewwa 195A, Triq Parilja, Santa Venera u/jew f'xi post ieħor ġewwa Triq Parilja, Santa Venera;

1. Issoġġettajt lil persuni oħra u ċioe lil Nataliya Prodanova u lill-minuri Maria Dutka (ta' ħdax-il sena u ċioe' persuna vulnerabbli) għal xi att u, jew imġieba li kellhom konnotazzjonijiet sesswali, inkluż kliem bil-fomm, mossi u, jew

għemil, il-wiri jew iċ-ċirkolazzjoni ta' kliem miktuba, stampi, u jew xi materjal ieħor, fejn dak l-att, kliem, u jew imġieba m'humiex mixtieqa mill-vittma u ċioe' Nataliya Prodanova u mill-minuri Maria Dutka, u li setgħu raġonevolment jiġu kkunsidrati bħala offensivi, umiljanti, degradanti, u, jew intimidatorji lejhom.

2. U aktar talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi, offenda l-pudur jew il-morali, b'għemil li jsir f'lok pubbliku jew f'lok espost għall-pubbliku

Il-Qorti hija mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawża kif ukoll f'każ ta' ħtija ma kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa, u dana fil-konfront ta' Nataliya Prodanova u lill-minuri Maria Dutka u/jew familjari tagħhom.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna lill-imsemmi Frankie Borg sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali tallum stess 22 ta' Marzu 2021;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat fl-udjenza ta` llum stess ghall-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu u l-insistenza f'din l-ammissjoni wara li kien inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Qieset dak ivverbalizzat fl-udjenza ta` llum stess fejn l-imputat iddikjara li kellu bizzejjed zmien biex jerga jirrikonsidra u li fehem sewwa n-natura tal-

imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u li fehem wkoll li l-ammissjoni tieghu, kif fehmitu din il-Qorti fl-udjenza, kellha ggib konsegwenzi serji fil-piena.

Semghet is-sottomissjoniet finali dwar il-piena.

**Ikkunsidrat;**

Illi in vista ta' din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x'jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, u wara li qieset l-atti, l-Qorti m'ghandiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta` htija skond l-ammissjoni tieghu.

**Ikkundisrat;**

**Illi in tema ta' piena din il-Qorti qed tqis l-ammisjoni bikrija tal-imputat, il-kondotta tieghu, u li huwa ddispjacieh ghal dak li ghamel ghax propju dak li ghamel ghamlu f'mument ta` rabja. Dawn il-kunsiderazzjonijiet ser jigu lkoll riflessi fis-sanzjoni.**

**KONKLUZJONI.**

**GHAL DAWN IL-MOTIVI DIN IL-QORTI, WARA LI RAT L-ARTIKOLI 17, 31, 251A(1)(E), 209, 251H(C)(D) U 412C TAL-KAPITOLU 9 TAL-LIGIJIET TA' MALTA, ISSIB LILL IMPUTAT FRANKIE BORG HATI, FUQ AMMISSJONI TIEGHU STESS, TA` L-IMPUTAZZJONIJET KOLLHA KIF DEDOTTI KONTRA TIEGHU U :**

**DWAR L-EWWEL IMPUTAZZJONI TILLIBERAH BIL-KONDIZZJONI LI MA JAGHMILX REAT IEHOR FI ZMIEN TLETT (3) SNIN MILLUM AI TERMINI TA` L-ARTIKOLU 22 TAL-KAP 446 TAL-LIGIJIET TA` MALTA.** Il-Qorti fissret lill-hati fi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk hu jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu msemmi; **U**

**DWAR IT-TIENI IMPUTAZZJONI, TIKKUNDANNAH GHALL-PIENA TAL-MULTA FIS-SOMMA TA` ELF (€1000) EURO.**

**Ordni skond l-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.**

Finalment, bis-sahha u ai termini ta` l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, u fid-dawl tal-atteggjament tieghu, kif rizultanti mill-atti, fil-konfront ta' **Nataliya Pradanova u l-minuri Maria Dutka** u bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta` u ghall-protezzjoni tal-persuni msemmija, u ghaz-zamma tal-ordni pubbliku, l-Qorti qeghda bil-prezenti u f'termini generali taghmel Ordni ta` Trazzin fil-konfront tal-hati **Frankie Borg** billi tipprojbixxi u tirrestringi lill-istess **Frankie Borg** milli avvicina jew b'xi mod isegwi l-movimenti tal-persuni msemmija, u billi tipprojbixxi lil **Frankie Borg** milli jikkuntattja, jdejjaq jew b'kull mod iehor jimmolesta lill-persuni msemmija,

Il-Qorti fissret lill-hati l-konsegwenzi jekk huwa jikser din l-Ordni mposta.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur